MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1809/1997/1

**Claire Camilleri u b' digriet tal-Qorti tas-27 ta' April 2007 il-kliem "illum mizzewga Caruana" ghandhom jizdiedu wara kunjom l-attrici**

**Vs**

**Paul Gauci u Winston Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Awissu 1997 li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici weggghet u sofriet danni inkluz korriment personali, debilita` u inkapacita` ta' natura permanenti f' incident li gara fi Triq 13 ta' Dicembru, il-Marsa fl-10 ta' Awissu 1995 fejn hija kienet passiggiera f' vettura Mini Minor Numru ta' Registrazzjoni C-1630

misjuqa mill-konvenut Winston Baldacchino f' incident awtomobilistiku bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut Winston Baldacchino u vettura Rover 213 Numru ta' Registrazzjoni B-0124 misjuqa mill-konvenut l-iehor Paul Gauci;

Premess illi in konsegwenza ta' dan l-incident, l-attrici sofriet telf ta' qligh dirett u telf futur ta' qligh u ghamlet hafna spejjez u sborsi u sofriet danni;

Premess illi dan l-incident gara minhabba imprudenza, nuqqas ta' diligenza u attenzjoni tal-konvenuti jew min minnhom u ghall-incident jahtu l-konvenuti jew min minnhom;

Premess illi l-attrici ma kienetx f' posizzjoni tistabilixxi jekk il-konvenuti hux mizzewgin u ghalhekk ma setghetx tkun f' posizzjoni li ticcita zwieghom jekk applikabbli;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghall-incident awtomobilistiku *de quo* jahtu l-konvenuti jew min minnhom;

2. Tillikwida d-danni hekk ikkawzati;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attrici d-danni hekk likwidati;

Bl-imghax min-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-Citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Gauci intavolata fit-12 ta' Mejju, 1998, li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi d-domandi ta’ l-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-esponenti ma jahti xejn ghall-kollizjoni in kwistjoni billi din giet kawzata biss b’ rizultat ta’ l-agir inkonsult tad-*driver* tal-vettura li fiha kienet l-attrici stess, u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess anke kieku kellu jigi ritenut li l-esponenti huwa responsabbli ghall-kollizjoni in kwestjoni ghandu jirrizulta li l-attrici ma sofriet minn ebda debilita`, la permanenti u lanqas mod iehor, u dan skond ma rrizulta mill-ezami mediku li ghamel il-Professur Frederick Zammit Maempel;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Paul Gauci u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Winston Baldacchino ipprezentata fis-17 ta’ Gunju, 1998, li permezz taghha eccepixxa:-

1. It-talbiet ta’ l-attrici fil-konfront ta’ Winston Baldacchino huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michud bl-ispejjez billi:-

(a) It-talbiet huma preskritti ai finijiet ta’ l-Artikolu 2154 (i) tal-Kodici Civili;

2. Minghajr pregudizzju ghal fuq premess l-habta in kwistjoni ma kienetx tort ta’ l-esponent;

3. Illi f’ kull kaz u minghajr pregudizzju ghal fuq espost id-danni jridu jigu ppruvati;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Winston Baldacchino u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Novembru 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala espert mediku Mr. Charles Grixti biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tat-8 ta’ Marzu 2000 li bih gie nominat bhala espert gudizzjarju Dr. Joseph Azzopardi;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Mejju 2004 li bih gie nominat Dr. Mark Chetcuti fl-istess inkarigu u bl-istess fakoltajiet bhala espert gudizzjarju in sostituzzjoni ta’ Dr. Joseph Azzopardi li gie elevat ghall-Gudikatura;

Rat ir-relazzjonijiet ta’ l-esperti nominati li jinsabu a fol. 60 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati;

Rat l-affidavits ipprezentati kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-istanza prezenti proposta mill-attrici hi diretta ghar-rizarciment tad-danni ghall-griehi personali minnha sofferti fl-incident awtomobilistiku tal-10 ta’ Awissu 1995 fejn hi kienet passiggiera fil-vettura misjuqa mill-konvenut Winston Baldacchino. Il-linja difensjonali principali tal-konvenuti, bhala z-zewg sewwieqa tal-vetturi involuti fil-habta, hi dik li huma jattribwixxu wiehed lill-iehor ir-responsabilita` ghall-istess habta u danni konsegwenzjali. Tqanqlet ukoll da parti tal-konvenut Winston Baldacchino l-preskrizzjoni a norma ta’ l-Artikolu 2154 (1) tal-Kodici Civili;

Certament, il-preskrizzjoni opposta b’ dak l-artikolu tal-ligi mhix applikabbli ghal kaz *de quo*. Ibda biex, dak l-artikolu

jipprospetta sitwazzjoni ta’ danni derivanti minn delitt veru u proprju, li hawnhekk ma huwiex il-kaz, trattasi ta’ danni skaturati minn kolpa akwiljana. F’ kull kaz ukoll, ankorke kieku wiehed kellu jadotta z-zmien preskrizzjonali stabbilit mill-Artikolu 688 tal-Kodici Kriminali fil-kaz ta’ offiza gravi fuq il-persuna [Artikolu 226 (1) (a) ta’ l-istess Kodici], jirrizulta li dan iz-zmien ta’ preskrizzjoni jinsab interrott bl-ittra ufficcjali tas-7 ta’ Awissu 1997, debitament notifikata lill-konvenut li qanqal l-eccezzjoni fl-14 ta’ Awissu 1997;

Definita din l-eccezzjoni, il-fatti juru li l-incident sehh b’ impatt fuq wara tal-vettura tal-konvenut Winston Baldacchino mill-vettura misjuqa mill-konvenut l-iehor Paul Gauci. In linea ta’ principju l-ipotesi ta’ tamponament tal-vettura li tipprecedi vettura ohra jqieghed a kariku ta’ min ikkaguna t-tamponament presunzjoni *de facto* ta’ negligenza. Jinsab f’ dan il-kuntest enuncjat illi “hu korrett li jigi presunt *iuris tantum* illi sewwieq tal-vettura ta’ wara kellu jigi ritenut responsabbli tas-sinistru sakemm dan ma jipprovax li s-sewwieq tal-vettura ta’ quddiem kien agixxa b’mod in vjolazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku li kien hu li pprovoka l-incident. Jigifieri f’ kazijiet ta’ din ix-xorta hemm spostament ta’ l-oneru tal-prova ghal fuq is-sewwieq tal-karozza fuq wara li jrid jipprova l-allegazzjoni tieghu li l-incident gara htija tas-sewqan tad-*driver* tal-vettura ta’ quddiem u li hu, avolja kien qed isuq skond kif jipprovdu r-regolamenti, ma setax tempestivament jagixxi biex jevita s-sinistru proprju minhabba l-emergenza subitanea li kkrejalu d-*driver* ta’ quddiemu”, (“**Arthur Bonello *nomine* -vs- James Camilleri *et***”, Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta’ Jannar 1998 per Imhallef Joseph Said Pullicino);

Fil-fattispeci tal-kaz prezenti mhux talli din il-prova ma saretx, jew ma saretx sodisfacentement, talli fuq ir-rikostruzzjoni tieghu tad-dinamika ta’ l-incident il-perit relatur stabbilixxa illi l-konvenut Paul Gauci, bhala l-konducent tal-vettura ta’ wara, kien ghal kollox responsabbli ghall-istess incident. Dan wara li rrifletta illi l-imsemmi konvenut ma zammx distanza ragonevoli u

naqas ukoll milli jezercita dik l-attenzjoni okulata ghal dak li kien qed isehh quddiemu;

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragonament tal-perit gudizzjarju. Ma jistax ikun negat illi influwenti hafna fuq l-individwazzjoni ta' mgieba kolpuza esklusiva da parti tas-sewwieq Gauci hu n-nuqqas tieghu li juniforma ruhu ghan-normi tac-cirkolazzjoni stradali u dawk tal-prudenza komuni li kienu jiddettawlu li jzomm certa distanza bizzejjed biex jaffronta ghall-evenjenzi mprovvizi u li jimmodera s-sewqan tieghu in relazzjoni ghall-possibilita` konkreta ta' kull avvistament. Kif sewwa gie ritenut, "min isuq ghalkemm ma jaghmelx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu, pero`, jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku distanzi u kollizjonijiet huma kwestjoni ta' *split second*, u ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konformement". ("**Il-Pulizija -vs- Joseph Muscat**", Appell Kriminali, 7 ta' Gunju, 1952);

Ma tistax titqies bhala prova liberatorja l-osservazzjoni tal-konvenut Gauci illi l-vettura ta' quddiem waqfet f' hin minnhom, ghax kieku huwa rrispetta r-regoli tat-traffiku stradali billi zamm distanza sufficjenti u rrallenta l-i*speed*, il-fatt dannuz seta' jigi evitat. Ankorke dak l-arrest tal-vettura mill-konducent Baldacchino seta' talvolta kien ukoll wiehed improvviz tali kellu jkun ukoll event prevvedibbli ghalih. Ma' dan kollu huwa ragonevolment akkoppjat il-fatt illi hu ma zammx dik il-"*careful look out*" ghal liema tirreferi d-duttrina legali fuq is-suggett. Huwa evidenti illi kieku kellu l-akkorgiment necessarju ghal dak li kien qed isehh quddiemu u madwaru kien jinduna li l-waqfien tal-vettura minn Baldacchino kienet suggerita ghall-evitar ta' dannu lil terza persuna li kif dikjarat fl-okkorrenza ttraversat it-triq f' dak il-mument;

Mhux il-kaz li din il-Qorti tiddilunga aktar milli mehtieg fuq dan l-aspett tar-responsabilita`. Minn dak espost id-dannu hu r-rizultat tal-konsegwenza immedjata u diretta tal-mod

tas-sewqan irregolamentari u negligenti da parti tal-konvenut Gauci. Naturalment, kif drabi ohra affermat, "il-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilita` ghad-danni ma jfisserx necessarjament li d-danni tassew jezistu". Ara "**Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar**", Appell Civili, 1 ta' April 1966. Il-kaz prezenti mhux wiehed minn dawn, tant li l-perit relatur in bazi ghall-apprezzament tieghu tal-provi, kompriza f' dan ir-relazzjoni tal-perit mediku, hassu konvint li d-danni subiti mill-attrici gew konkretament verifikati;

In meritu ghal dawn id-danni l-perit legali ghamel dawn il-konkluzjonijiet:-

(1) L-attrici batiet f' *damnum emergens* is-somma ta' hames mija u sebgha u ghoxrin lira u tletin centezmu (Lm527.30). Dawn l-aktar ghal vizti ta' tobba u specjalisti, spejjez ta' medicini, u telf ta' paga mill-25 ta' Awissu 1995 sas-7 ta' Ottubru 1995;

(2) Fil-kaz tal-*lucrum cessans* huwa ddetermina fuq il-grad tad-debilita` permanenti taghha, iffissat mill-perit mediku ghal tmienja fil-mija (8%), u bl-adozzjoni ta' dhul medju ta' hamest elef lira (Lm5000) fis-sena u *multiplier* ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, illi l-ammont nett ta' danni taht dan il-kap ghandu jkun ta' disat elef u hames mitt lira (Lm9500). Biex wasal ghal din is-somma huwa ghamel deduzzjoni ta' hamsa fil-mija (5%) ghal *lump sum payment*. F' dan huwa altru milli evidenti illi l-espert legali segwa l-espressjoni ta' fehma, ormaj pacifika, determinata mill-Qrati f' sentenzi anterjuri fejn inghad illi t-trapass taz-zmien - f' dan il-kaz kien tnax-il sena - ma kellux jimmilita favur il-persuna ritenuta responsabbli u kontra l-vittma li sofriet id-danni. Ara a propozitu "**Mark Caruana -vs- Grazio Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1993 u "**Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001, fost hafna ohrajn;

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi ebda wiehed mill-kontendenti ma kkritika l-kriterji prefissi mill-perit relatur fil-

likwidazzjoni ta' dawn id-danni, huma ta' liema xorta huma, u una volta lil din il-Qorti jirrizultawlha li l-istess huma ragonevoli, ser tghaddi biex tadottahom.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

(1) fl-ewwel lok u prevja c-cahda ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta, tilqa' l-eccezzjoni fil-mertu tal-konvenut Winston Baldacchino u tilliberah minn kull addebitu ta' htija ghal kollizjoni li sehhet fl-10 ta' Awissu 1995 fit-Triq 13 ta' Dicembru gewwa l-Marsa u li fiha l-attrici ssubiet danni personali;

(2) fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Gauci;

(3) fit-tielet lok, tilqa' t-talbiet ta' l-attrici fil-konfront ta' l-istess konvenut Paul Gauci billi ghar-ragunijiet dedotti superjorment, tiddikjara lil dan unikament fi htija ghall-incident awtomobilistiku, tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' tlieta u ghoxrin elf tliet mija sebgha u hamsin euro u tlieta u tletin centezmu (€23357.33) ekwivalenti ghal ghaxart elef u sebgha u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu (Lm10027.30) u tordna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici din is-somma hekk likwidata;

Finalment, gjaladarba kien akkonsentit lill-attrici danneggjata illi tesigi r-rizarciment tad-danni, sija fil-konfront tas-sewwieq tal-vettura li fiha kienet passiggieri, sija fil-konfront tas-sewwieq terz, hekk dikjarat dan bhala l-konducent esklusivament responsabbli ghas-sinistru, l-kap ta' l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom fic-cirkostanzi jibqghu sopportabbli mill-konvenut Paul Gauci.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------